

Brussell, 28 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16343/24

LIMITE

JAI 1782

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 15932/24, 16319/24	
Suġġett:	Linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja - Approvazzjoni

1. Fis-27 ta' Novembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar l-abbozz ta' linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif jinsab fl-Anness.
2. Il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni, 12 ta' Diċembru 2024) mistieden japprova dawn il-Linji Gwida Strateġiċi.

ABBOZZ TA' LINJI GWIDA STRATEĠIĊI***għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja***

Il-linji gwida strateġiċi previsti fit-Trattat huma strument importanti għat-tiswir tad-direzzjoni tal-politika tal-UE fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

L-Aġenda Strateġika l-ġdida tipprovdi gwida u tappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex isarrfu dawn il-prijoritajiet f'azzjoni matul iċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss, filwaqt li jirrispettaw il-bilanċ istituzzjonali tas-setgħat kif stipulat fir-Trattati u l-prinċipji tal-ġhoti tal-kompetenzi, tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità.

Kif minqux fl-Artikolu 2 TUE, l-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-valuri demokratiċi kif ukoll il-konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ser jibqgħu prinċipju ewlieni għall-funzjonament tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

L-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja b'rispett għad-drittijiet fundamentali u s-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri. Tali spazju jinvolti n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni kif ukoll politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-kontroll tal-fruntieri esterni, ibbażata fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri. Hija tagħmel hiliha biex tiżgura livell għoli ta' sigurtà permezz ta' miżuri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, ir-razziżmu u l-ksenofobija, kif ukoll it-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti, inkluż billi ssaħħaħ l-infurzar transfruntier tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja, filwaqt li ma taffettwax l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubbliku, u, b'mod partikolari, tirrispetta r-responsabbiltà tagħhom għas-salvagwardja tas-sigurtà interna.

Fuq dan l-isfond, il-linji gwida strateġiċi li ġejjin għall-ippjanar leġiżlattiv u operazzjonali ser jiggwidaw il-ħidma fl-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għas-snin li ġejjin:

1. Fil-leġislatura reċenti, sar ħafna biex jiġu żviluppati politiki li jiżguraw il-funzjonament tal-isparju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-isforzi issa għandhom jiffukaw prinċipalment fuq l-implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-leġiżlazzjoni u l-miżuri politiċi adottati diġà fis-seħħ, f'kooperazzjoni sħiħa mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka. Fl-istess ħin, l-UE ser iżżomm viżjoni li tħares 'l quddiem biex tindirizza sfidi u persistenti u futuri, filwaqt li tiżgura l-istat ta' tħejjija tal-UE u l-adattabbiltà tagħha għar-realtajiet tal-lum u ta' għada: xenarju ġeopolitiku, ta' sigurtà, migratorju, teknoloġiku u ekonomiku li qed jevolvi malajr.
2. L-iżgurar li l-implimentazzjoni, l-ambizzjonijiet futuri u ż-żieda fl-obbligi tal-Istati Membri jkunu sostnuti mill-fondi tal-UE ser ikun kruċjali. Kif rifless fl-Aġenda Strateġika 2024-2029 u mingħajr ma jiġu preġudikati n-negozjati futuri, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-Unjoni ser ikollu jirrifletti dawn il-prijoritajiet, filwaqt li jiżgura li l-baġit tal-UE jkun adatt għall-futur u li jingħataw tweġibiet Ewropej għall-isfidi Ewropej.
3. L-importanza tal-moviment liberu tal-persuni, li huwa waħda mill-erba' libertajiet, għandha tiġi ssottolinjata. Żona Schengen li tiffunzjona tajjeb hija kwistjoni ta' interess komuni, li taħtha l-azzjonijiet kollha ser ikunu ċċentrati fuq il-libertà u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna. L-UE ser tiggarantixxi livell għoli ta' sigurtà, b'mod partikolari permezz ta' kontrolli fil-fruntieri esterni, iżda wkoll permezz tal-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għas-sigurtà u l-migrazzjoni. Għandha titfakkar l-importanza tal-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen, f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rivedut. L-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tibqa' miżura temporanja tal-aħħar istanza, meħtieġa u proporzjonata għat-theddida identifikata, u tipprovdi lill-Istati Membri spazju għas-salvagwardja tas-sigurtà interna, f'konformità mal-*acquis* ta' Schengen.

4. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u effiċjenti taż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, kif ukoll l-għaqda u l-koerenza tagħha bħala element essenzjali tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, il-governanza taż-żona Schengen kif ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tagħha għandhom ikompli jissaħħu mill-Kunsill, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra u l-aġenziji rilevanti, filwaqt li jittieħed kont sħiħ tal-Protokoll tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni u r-rwol tal-Kunsill ta' Schengen, bil-pożizzjoni speċifika tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen fihom. Barra minn hekk, huwa meħtieġ fokus fuq diskussjonijiet aktar strateġiċi, inkluż segwitu operazzjonali tan-nuqqasijiet identifikati.
5. Il-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri hija ta' importanza kbira biex tiġi żgurata żona Schengen li tiffunzjona bis-sħiħ, fost l-oħrajn billi jitrażżnu l-qsim illegali tal-fruntieri u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri, billi jiġu miġġielda l-abbużi u bil-prevenzjoni tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu min jidħol fl-Ewropa, mhux il-faċilitaturi ta' dħul klandestin jew atturi esterni ostili, u l-Unjoni jeħtiġilha timmobilizza l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tappoġġa lill-Istati Membri fir-responsabbiltà primarja tagħhom li jipproteġu l-fruntieri esterni u jiżguraw is-sigurtà. Għal dak l-għan, huwa kruċjali li tiġi ġestita u mtejba aktar waħda mill-aktar sistemi moderni u effettivi ta' ġestjoni tal-fruntieri fid-dinja fil-fruntieri esterni. Għandu jsir progress fl-iżvilupp ta' standards minimi komuni għas-sorveljanza tal-fruntieri.
6. L-interoperabbiltà trawwem l-iskambju reċiproku ta' informazzjoni u tikkontribwixxi wkoll b'mod sinifikanti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tat-terroriżmu u l-kriminalità serja. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li timmaniġġa u ttejjeb aktar is-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri esterni, kif ukoll is-sistemi deċentralizzati għall-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tal-infurzar tal-liġi, li ser isiru saħansitra aktar b'saħħithom bid-dħul fis-seħħ gradwali tal-komponenti differenti ta' arkitettura tal-IT kompletament interoperabbli, konformi mad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari mal-protezzjoni tad-data personali.

7. Fl-istess ħin, l-użu aktar strateġiku tal-politika tal-Unjoni dwar il-viżi ser jikkontribwixxi għar-reżiljenza taż-Żona Schengen, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-prevenzjoni tal-abbuż tar-reġim tal-viża tal-UE, kif ukoll li jsir użu adegwat mill-influwenza tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi. Għal dan l-għan, għandha tiġi żviluppata Strateġija ġdida tal-Politika tal-UE dwar il-Viżi u l-Kummissjoni mistiedna taħdem fuq l-iżvilupp taġġha f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.
8. L-Unjoni Ewropea trid tibqa' impenjata li tkisser il-mudell kummerċjali tat-traffikanti, u n-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u għall-isfidi marbuta magħhom u li tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari sabiex jiġi evitat li n-nies jimbarkaw fuq vjaġġi perikolużi. Għal dan l-għan u b'approċċ preventiv, l-Unjoni Ewropea ser tibqa' vigilantli għar-rotot migratorji kollha kemm lejn kif ukoll barra mill-Unjoni Ewropea. Ser tkompli tiżviluppa sħubijiet komprensivi ambizzjużi u deġġiema mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu b'mod li jkun ta' benefiċċju reċiproku, inkluż sħubijiet tal-fruntieri u ta' sigurtà mal-ġirien taġġna u mal-pajjiżi madwar id-dinja, u li tinkludi l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, kif ukoll perkorsi legali f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali u l-ħtiġijiet reċiproċi ta' pajjiżi terzi u Stati Membri. Il-Kummissjoni mistiedna tikkonsulta mal-Kunsill u l-Istati Membri dwar diversi ideat għall-ottimizzazzjoni strateġika, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sħubijiet bħal dawn.
9. B'mod parallel, ser jiġu meqjusa modi ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, f'konformità mad-dritt internazzjonali, filwaqt li jiġu żgurati soluzzjonijiet sostenibbli u mingħajr ma jiġu ġġenerati rotot migratorji ġodda jew pressjoni addizzjonali. Abbażi tal-approċċ ibbażat fuq ir-rotot, jeħtieġ li jitfasslu u jiġu implimentati sforzi kollettivi mal-IOM, l-UNHCR u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra biex jissaħħu r-reazzjonijiet għal movimenti mħallta, u biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistemi nazzjonali effettivi tal-ażil u l-migrazzjoni f'approċċ "mill-bidu sat-tmien". Il-Kummissjoni hija mħeġġa tkun involuta b'mod attiv mal-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet, bil-ħsieb li tiffaċilita l-implimentazzjoni taġġhom u tipproponi inizjattivi, jekk rilevanti.

10. Iffaċċjati b'tipi ġodda ta' theddid, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti, u atturi ostili fil-fruntieri esterni tal-UE, l-Istati Membri jeħtieġ li jkunu jistgħu jiġġieldu tali attivitajiet b'mod effettiv u jiggarrantixxu l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni ser issib soluzzjonijiet konġunti dwar it-tisħiħ tal-qafas legali tal-UE biex tindirizza dawn it-theddiet u l-isfidi għas-sigurtà li jaffettwaw l-ażil u l-ġestjoni tal-fruntieri. L-Unjoni Ewropea tinsab determinata li tiġġieled l-attakki ibridi li għaddejjin fil-fruntieri esterni tagħha mnedija mir-Russja u l-Belarusja. Huma jew kwalunkwe pajjiż terz ostili ieħor, ma jistgħux jiġthallew jabbużaw mill-valuri tagħna, inkluż id-dritt għall-ażil, u jdgħajfu d-demokrazzi tagħna.
11. Minħabba l-qafas leġislattiv il-ġdid dwar l-ażil, il-migrazzjoni u Schengen, il-bidu taċ-ċiklu leġislattiv 2024-2029 ser ikun ikkaratterizzat ukoll mill-enfasi fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni adottata tal-UE – b'mod partikolari, is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil riformata u l-*acquis* rivedut ta' Schengen – kif ukoll l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti. B'mod parallel, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jridu jiżguraw li daww mingħajr id-dritt ta' soġġorn jiġu effettivament irritornati. Għal dan l-għan, ser jiġi żviluppata u implimentata approċċ aktar assertiv u komprensiv għar-ritorni, billi jiġi aġġornat il-qafas legali tagħna bħala kwistjoni ta' urġenza, u l-kapaċitajiet tagħna, flimkien mal-użu tal-għodod interni u esterni għad-dispożizzjoni tagħna. Politika ta' ritorn ta' suċċess hija pilastru fundamentali ta' sistema komprensiva u kredibbli tal-UE dwar l-ażil u l-migrazzjoni.
12. Il-miżuri l-ġodda kollha biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni jridu jiġu żviluppati u implimentati f'konformità sħiħa mad-dritt applikabbli tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement, kif ukoll mal-obbligi legali internazzjonali, u jirrispettaw ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward taż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna f'konformità mat-Trattati.

13. Sistema tal-migrazzjoni ġestita tajjeb hija essenzjali għall-prevenzjoni effettiva tal-migrazzjoni irregolari. Għal dan l-għan, għandhom ikomplu jsiru sforzi, b'rispett sħiħ tal-kompetenzi nazzjonali, għal perkorsi sikuri u legali li huma kruċjali għall-migrazzjoni regolari u ordnata.
14. L-Unjoni Ewropea tibqa' impenjata li tappoġġa lill-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna lejn l-Unjoni Ewropea u tinsab lesta li tiżgura ċ-ċertezza legali meħtieġa biex tkompli timmaniġġa s-sitwazzjoni sakemm ikun hemm bżonn. F'dan ir-rigward, fi spirtu ta' solidarjetà, l-UE ser tqis il-ħtiġijiet ta' protezzjoni, is-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha u l-kapaċitajiet tagħhom.
15. Il-kriminalità serja u organizzata, inkluż it-traffikar illeċitu tad-droga, iddgħajjed il-funzjonament tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Din toħloq theddida għas-sikurezza taċ-ċittadini u taħfi l-istat tad-dritt. L-inizjattivi politiċi għandhom iġibu bidla fil-perspettivi, fejn l-isforzi għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata għandhom ikunu ggwidati mill-interess leġittimu tal-vittmi u tas-soċjetà fil-protezzjoni kontra l-kriminalità. Sabiex il-kriminalità serja u organizzata tiġi indirizzata b'mod effettiv, huwa importanti li l-gruppi kriminali jiġu mċaħħda mir-riżorsi tagħhom, jiġu sfrattati l-flussi finanzjarji illeċiti, u tiġi indirizzata l-attività kriminali fil-ħabsijiet. Għandna nagħmlu s-soċjetà aktar reżiljenti kontra l-kriminalità organizzata billi nippromwovu sħubijiet pubbliċi-privati, bħall-Alleanza Ewropea tal-Portijiet, biex nagħmlu liċ-ċentri loġistiċi aktar reżiljenti. Barra minn hekk, għandna nippromwovu l-approċċ amministrattiv, biex, b'mod partikolari, nipprevjenu l-infiltrazzjoni fl-ekonomija legali u r-reklutaġġ ta' minorenni u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli minn organizzazzjonijiet kriminali. Il-possibbiltà li l-infurzar tal-liġi jkun jista' juża l-IA b'mod effettiv f'konformità mad-drittijiet fundamentali, inkluż għall-analiżi ta' volumi kbar ta' data, tista' jkun ta' benefiċċju għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u għandha tiġi eżaminata aktar. Barra minn hekk, huwa essenzjali li l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT) tibqa' l-pedament tal-azzjoni operazzjonali tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u li tirċievi riżorsi. L-istrateġiji u l-għodod għall-prevenzjoni tal-kriminalità, bħan-Network Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (EUCPN) u n-Network Ewropew dwar l-Approċċ Amministrattiv (ENAA) għandhom jiffurmaw parti integrali mill-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità.

16. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-integrità bħala parti minn approċċ ġenerali tal-UE, li jinkludi azzjonijiet li jvarjaw mill-prevenzjoni u l-analiżi għar-repressjoni tal-korruzzjoni, iffukati fuq it-tisħiħ tat-trasparenza u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat.
17. L-Europol u l-Eurojust ser ikompli jaqdu rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transfruntiera billi jikkontribwixxu biex jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji rilevanti kollha u dawk tal-infurzar tal-liġi jkunu appoġġati fl-operat tagħhom. Minħabba li r-ramifikazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet kriminali u l-attivitajiet kriminali jmorru ferm lil hinn mill-UE, huwa essenzjali li jittejbu aktar l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri.
18. Sabiex jittaffew l-implikazzjonijiet potenzjali għas-sigurtà interna tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, id-djalogu strutturat dwar is-sigurtà interna bejn l-UE u l-Ukrajna wera li kien utli, u l-azzjonijiet li ġew stabbiliti għandhom jitkomplew.
19. Il-ġlieda kontra l-kriminalità online u offline hija fil-qalba tas-salvagwardja tas-sigurtà interna tal-UE u wasslet għal għadd ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'dan ir-rigward, ir-riżultat tal-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli (HLG) dwar l-aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi, u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom ikunu l-bażi għad-direzzjoni futura politika u prattika għall-viżjoni Ewropea ta' aċċess effettiv għad-data għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni mistiedna tiżviluppa pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

20. L-Unjoni Ewropea ser tieġu approċċ aktar sod għall-prevenzjoni u l-għieda kontra t-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni, id-diżinformazzjoni, l-estremiżmu vjolenti u t-tendenzi antidemokratiċi online u offline, u ser tiddefendi l-valuri komuni tagħha u l-istil ta' ħajja Ewropew. Ser inkomplu niġġieldu kontra l-finanzjament tat-terroriżmu fil-forom kollha tiegħu, u ser ikollna l-għan li nrażżnu l-aċċess għar-riżorsi finanzjarji, u nsaħħu l-iskambju ta' informazzjoni. Biex nirfdu l-approċċ sod tagħna, huwa f'waqtu li tiġi żviluppata Aġenda ġdida Kontra t-Terroriżmu li tinkludi firxa komprensiva ta' politiki u azzjonijiet imfassla biex jindirizzaw sfidi ġodda u persistenti, u jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza kollettivi tal-UE. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-vittmi tat-terroriżmu. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea ser tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Ser ikun kruċjali li jiġu indirizzati t-theddid ibridu minn atturi esterni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza minn barranin, u jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni, il-miżinformazzjoni u l-forom kollha ta' mibegħda.
21. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom fil-għieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu u fis-sostenn tal-ħajja Lhudija.
22. F'dawn l-aħħar snin, l-Unjoni Ewropea ffaċċjat għadd dejjem akbar ta' sfidi li jirriżultaw minn kriżijiet transsettorjali u transfruntiera, inkluż diżastri kbar naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, kif ukoll kunflitti li żviluppaw qrib il-fruntieri esterni tagħha. Ħafna minn dawn l-isfidi kienu u ser jibqgħu aggravati mit-tibdil fil-klima u mix-xenarju tas-sigurtà li qed jevolvi fl-Ewropa u madwar id-dinja. Għalhekk, għandhom jittieħdu inizjattivi fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-UE f'approċċ li jkopri l-perikli kollha u s-soċjetà kollha, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà u b'rispett sħiħ tal-kompetenzi tal-Istati Membri. Dawn l-inizjattivi għandhom jaqblu ma' tisħiħ ulterjuri tal-protezzjoni ċivili sabiex tiżdied is-sikurezza taċ-ċittadini tagħna minn diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Biex jinkiseb livell ogħla ta' reżiljenza, huma meħtieġa kooperazzjoni aktar mill-qrib, skambju ta' prattiki tajbin u riżorsi kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri.

23. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom responsabbiltà komuni li jippromwovu u jissalvagwardaw l-istat tad-dritt fil-qafas tad-dritt tal-UE, li huwa fundamentali u prerekwiżit għal sforzi effiċjenti biex jiġu indirizzati l-isfidi li qed tiffaċċja l-Unjoni, inkluż fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għalhekk, nintrabtu fl-isforz konġunt għar-rispett tal-istat tad-dritt fl-UE bl-għodod kollha disponibbli f'konformità mat-Trattati.
24. Minbarra d-djalogu regolari tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali, u mingħajr preġudizzju għar-rwol u r-responsabbiltajiet orizzontali tiegħu, il-Ministri għall-Ġustizzja ser jibqa' jkollhom diskussjonijiet tematiċi speċifiċi dwar kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt fil-kompetenza esperta tagħhom, u li huma enfasizzati fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-istat tad-dritt. Tali diskussjonijiet jikkomplementaw id-djalogu annwali tal-Kunsill dwar l-istat tad-dritt u ser jgħinu biex jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki, u biex jiġu identifikati kwistjonijiet li jistħoqqilhom attenzjoni u jitolbu azzjonijiet, kif xieraq u f'konformità mat-Trattati, bil-ħsieb li fost l-oħrajn jiġi żgurat l-aċċess għall-ġustizzja quddiem qrati indipendenti, iċ-ċertezza legali u approċċ iffukat fuq in-nies fis-sistemi ġudizzjarji. Dan, min-naħa tiegħu, ser ikompli jsaħħaħ il-fiduċja reċiproka li hija l-bażi għall-iżvilupp ta' politiki fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni li jiddependu fuq il-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku.
25. Minbarra li jiġi żgurat ir-rispett għall-istat tad-dritt, huwa kruċjali li r-rispett għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jinżamm u jiġi żgurat fil-fergħat rilevanti kollha tax-xogħol. Għalhekk, il-politiki tal-ġustizzja għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, filwaqt li jqisu l-ġharfien espert rilevanti u l-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

26. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja madwar l-UE hija objettiv ewlieni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-funzjonament bla xkiel tal-qasam tal-ġustizzja huwa essenzjali u r-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-UE, abbażi tal-fiduċja reċiproka fis-sistemi nazzjonali, jibqa' pedament fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja, li fl-aħħar mill-aħħar iservi biex jipproteġi d-drittijiet fundamentali. Fl-istess ħin, ir-rispett għas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri huwa prinċipju ewlieni li japplika għal-leġislazzjoni kollha fil-qasam tal-ġustizzja.
27. Biex tirfed dawn l-isforzi, u b'rispett sħiħ tal-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-organizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom, l-Istrateġija tal-Ġustizzja Elettronika 2024-2028 għandha tiggwida t-trasformazzjoni diġitali li għaddejja fil-qasam tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea kollha. B'mod parallel, jeħtieġ li ssir riflessjoni komuni dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-ġustizzja, filwaqt li jitqies l-Att dwar l-IA.
28. Id-diġitalizzazzjoni qed tittrasforma l-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja billi tintegra t-teknoloġija fis-sistema legali. Il-mira tal-evoluzzjoni diġitali li għaddejja għandha tkun li ttejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, iżżid l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, tappoġġa lill-professjonisti tal-ġustizzja fil-ħidma tagħhom, u jkollha rabtiet aktar mill-qrib maċ-ċittadini, u fl-aħħar mill-aħħar tipprovdi servizzi tal-ġustizzja aħjar għal kulħadd. F'dan ir-rigward, l-użu tal-IA fis-sistemi ġudizzjarji għandu potenzjal enormi biex ikompli jiffaċilita u jtejjeb l-aċċess għall-ġustizzja għal kulħadd fl-UE kollha. Madankollu, l-għodod tal-IA jridu jintużaw b'kawtela, f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet fundamentali u bbażat fuq ir-riskju, u jiżguraw li l-utenti ma jitgħabbewx iżżejjed. Irid jiġi żgurat li l-IA tiġi żviluppata u użata b'mod li jkun inklużiv, sostenibbli, rispettuż għall-privatezza u ffukat fuq il-bnedmin. L-IA tista' tappoġġa t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-imħallfin, iżda ma għandhiex tissostitwih: it-teħid ta' deċiżjonijiet finali jrid jibqa' attività mmexxija mill-bniedem.
29. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni tad-data hija kruċjali biex jiġu żgurati d-drittijiet tal-individwi, inkluż billi jiġu appoġġati l-awtoritajiet superviżorji fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

30. Huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jissieħbu f'riflessjoni konġunta strutturata u komprensiva dwar l-aspetti kollha tad-dritt kriminali u ċivili tal-UE, inkluż dwar it-tisħiħ tal-konsistenza interna f'dawn l-oqsma, u l-konsistenza tagħhom ma' strumenti relatati mill-qrib. L-isforzi għandhom jiffokaw primarjament fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-*acquis* eżistenti u inizjattivi ġodda għandhom ikunu bbażati fuq evidenza li turi b'mod ċar il-valur miżjud tagħhom.
31. Il-kooperazzjoni li ilha teżisti u profonda fil-qasam tad-dritt ċivili, b'sett komprensiv ta' strumenti legali, tagħmel lill-UE żona legali komuni unika. Qasam legali li jiffunzjona tajjeb, inkluż qafas legali b'saħħtu u effettiv u proċedimenti ġusti u affidabbli, huwa l-assi ewlieni tal-UE fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi u fl-iżgurar tal-kompetittività. Il-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, b'attenzjoni partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, jeħtieġ sforzi kostanti.
32. It-trawwim tal-kompetittività ekonomika, it-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-kontribut għall-iżvilupp ta' ambjent favorevoli għan-negozju għall-kumpaniji biex joperaw fl-UE huma kruċjali biex jiġu żgurati t-tkabbir ekonomiku u l-prosperità. Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili hija mutur ewlieni f'dan ir-rigward. Dan jeħtieġ fost oħrajn li tittejjeb iċ-ċertezza legali u ambjent legali prevedibbli u li jiġi pprovdut aċċess aħjar għall-informazzjoni. Għandha tingħata prijorità wkoll lill-implimentazzjoni u l-infurzar korretti u effettivi tal-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni u lil evalwazzjoni bir-reqqa tal-applikazzjoni u l-funzjonament tagħha, filwaqt li jitqiesu wkoll il-kunsiderazzjonijiet tal-kompetittività. Kwalunkwe inizjattiva leġislattiva ġdida trid tkun ibbażata fuq evidenza ta' valur miżjud ċar u tal-ħtiġijiet prattiċi taċ-ċittadini u n-negozji, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq in-negozji u s-simplifikazzjoni tal-qafas legali rilevanti.

33. Fil-qasam tad-dritt kriminali tal-UE, ir-rispons ġudizzjarju għall-kriminalità organizzata u partikolarment serja, inkluż il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, għandu jibqa' prijorità. Bl-istess mod, għandha tkompli tingħata attenzjoni speċjali lill-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u t-tkomplija tal-ħidma dwar iż-żamma tad-data. Għandu jkun hemm enfasi partikolari fuq it-titjib tal-effettività tal-istrumenti ta' rikonossiment reċiproku – inkluż l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u dawk dwar l-ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska. Sabiex jintlaħqu dawn l-oġettivi, l-inizjattivi futuri, fejn rilevanti u meħtieġ, għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tar-riflessjoni strutturata u komprensiva, il-ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-aċċess għad-data, iċ-ċikli ta' evalwazzjonijiet reċiproċi u l-valutazzjonijiet tal-impatt. Il-Kunsill, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE, ser ikompli r-riflessjoni li għaddejja dwar il-futur tad-dritt kriminali tal-UE.
34. Il-kriminalità organizzata tikkonċerna l-katina tal-ġustizzja kriminali kollha kemm hi. Sabiex jiġi miġġielda n-networks kriminali u l-mudelli kummerċjali tagħhom madwar l-UE u lil hinn minnha, l-awtoritajiet kompetenti jridu jsaħħu wkoll il-kooperazzjoni tagħhom biex jiżguraw segwitu xieraq. Peress li l-maġġoranza tan-networks kriminali li huma l-aktar ta' theddida għandhom ukoll firxa li testendi lil hinn mill-UE, il-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi hija essenzjali biex tiffaċilita l-prosekuzzjoni u tressaq membri tan-networks kriminali quddiem il-ġustizzja.
35. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ser jibqgħu impenjati fin-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali u għan-Network Ġudizzjarju Ewropew f'Materji Kriminali kif ukoll networks rilevanti oħra li għandhom l-għan li japprofondixxu l-kooperazzjoni ġudizzjarja, u ser janalizzaw aktar kif jista' jsir l-aħjar użu minn dawn in-networks.
36. F'xenarju politiku globali li qed jinbidel, id-dimensjoni esterna koerenti tal-isparzu ta' libertà, sigurtà u ġustizzja hija ta' importanza ewlenija. Għal dan l-għan, l-UE għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni ġudizzjarja ma' pajjiżi terzi kemm f'materji ċivili kif ukoll dawk kriminali.

37. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna ssottolinjat il-hteġa għal reazzjonijiet legali u operazzjonali effettivi għall-ġlieda kontra l-impunità fir-rigward tad-delitt ta' aggressjoni u delitti oħra l-aktar serji skont id-dritt internazzjonali. Għalhekk, l-UE ser tibqa' impenjata li tappoġġa l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti kollha fil-livelli internazzjonali u nazzjonali bil-ħsieb li żżomm responsabbli bis-sħiħ lil daww responsabbli għar-reati internazzjonali l-aktar serji permezz ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet b'suċċess ta' dawn ir-reati.
38. L-aġenziji tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jaqdu rwol ewlieni fil-kisba tal-oġġettivi stabbiliti fil-linji gwida strateġiċi. Biex irawmu l-appoġġ li jipprovdu lill-Istati Membri, jeħtieġ li jkunu kompletament operazzjonali u effettivi biex iwettqu l-kompiti rispettivi tagħhom, billi jikkomplementaw iżda mhux jissostitwixxu l-attivitajiet – inkluż fid-dimensjoni esterna – u l-prerogattivi għal daww tal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Kwalunkwe reviżjoni futura tal-mandati tagħhom għandha taderixxi bis-sħiħ mar-rwol ta' appoġġ assenjat lill-aġenziji, tallinja mal-ħteġijiet identifikati fil-prattika u tivvaluta l-fattibbiltà ta' kompiti ġodda potenzjali. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, bħala korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea, jeħtieġ ukoll li jkun kompletament operazzjonali u effettiv biex jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mat-Trattati. Għandhom isiru sforzi biex titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-aġenziji, il-korpi u l-Istati Membri u biex jiġi żgurat li l-għarfien espert tagħhom jiġi meqjus sa mill-istadji bikrija tat-tfassil tal-politika.

39. Metodi ta' ħidma istituzzjonali għaqlija ser ikunu ta' importanza kbira biex jiżguraw l-effiċjenza tal-proċess leġislattiv u jsostnu l-linji gwida strateġiċi għall-ippjanar leġislattiv u operazzjonali, fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-snin li ġejjin. Għal dan l-għan, u b'rispett sħiħ għall-prerogattivi tal-istituzzjonijiet tal-UE:

- L-istituzzjonijiet tal-UE mistiedna jagħtu attenzjoni partikolari lill-koerenza u l-konsistenza ta' inizjattivi futuri fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, fl-istadji kollha tal-proċess leġislattiv.
- huwa vitali li inizjattivi leġislattivi mhux tal-ĠAI b'impatt sinifikanti fuq is-sigurtà interna, li jużaw kunċetti jew li jaffettwaw strumenti li jappartjenu essenzjalment għall-qasam tal-kooperazzjoni tal-ġustizzja u l-affarijiet interni, ser ikunu soġġetti għal aktar koordinazzjoni diġà fil-fażi preparatorja;
- huwa essenzjali li l-proposti u l-inizjattivi leġislattivi ġodda kollha fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni jkunu bbażati fuq l-evidenza, appoġġati minn valutazzjonijiet tal-impatt sinifikanti, li juru l-valur miżjud tagħhom u li jqisu s-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-impatti fuq is-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji fil-livell nazzjonali. Il-prinċipju li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru għandu jitqies b'mod espliċitu. Hija meħtieġa aktar azzjoni biex jiġi żgurat li l-impatt fuq is-sigurtà interna, b'mod partikolari fuq l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, u fuq id-drittijiet fundamentali ta' ċittadini u l-persuni vulnerabbli jiġi vvalutat bir-reqqa u ser ikunu meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġi żgurat li s-sigurtà, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali jkunu inkorporati kif xieraq f'diversi politiki tal-UE, biex b'hekk jiġi żgurat li dawk l-oġettivi jitrawmu b'mod komprensiv bħala parti integrali mill-inizjattivi kollha ta' politika fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja;

- sabiex jiġi żgurat li l-proposti leġiżlattivi jirrispettaw is-sistema tal-attribuzzjoni tal-kompetenzi stabbilita fit-Trattati u għalhekk li l-ispeċifikitajiet tal-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni jitqiesu bis-sħiħ fil-proċess leġiżlattiv, l-istituzzjonijiet kollha għandhom jiżguraw li jiġu applikati l-bażijiet legali xierqa.
- iż-żamma u t-tisħiħ tal-koerenza u l-konsistenza tal-oqsma ta' politika differenti taħt il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, filwaqt li jiġu ppreservati r-realizzazzjoni u l-għaqda tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kif ukoll il-koerenza tal-*acquis* ta' Schengen, fejn rilevanti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen, ser ikunu imperattivi.

*

L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri mistiedna jiżguraw is-segwitu leġiżlattiv u operazzjonali xieraq għal dawn il-linji gwida.
